VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,356, 12 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 461 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mid-19 ta' Settembru, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) bejn tnejn u erba' semestri għall-korsijiet li jwasslu għal Diploma Universitarja jew għal Diploma Għolja Universitarja; u"

L-Emenda għar-regolament 51 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 51 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"51. L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju fl-ewwel evalwazzjoni u li ma jikkwalifikawx għal grad CP (Għadda b'Kumpens) għandu jingħatalhom tlett evalwazzjonijiet supplimentari sabiex jiksbu l-kretti għat-taqsima studju, sakemm huma jkunu eliġibbli għal valutazzjonijiet supplimentari skont ir-regolamenti 52 u 53."

L-Emenda għar-regolament 75 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 75 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"75. Meta student jabbanduna Kors jew min jeddu jew għaliex skont dawn ir-regolamenti ma jkunx jikkwalifika biex jibqa' miexi 'l quddiem, u sakemm l-ordinamenti tal-kors ma jkunux jaħsbu għall-għoti ta' rikonoxximent provviżorju:

(a) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 60 kredtu, għandu jingħata s-Certificate in General Studies (Cert. Gen.St.);

(b) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 120 kredtu, għandu jingħata d-Diploma in General Studies (Dip. Gen. St.); u

(ċ) mis-sena akkademika 2010/11, jekk l-istudent jikseb tal-anqas 180 kredtu fil-kors li għalih ikun irreġistrat u skont id-definizzjoni ta' grad ta' Bachelor fil-paragrafu (4) tar-regolament 3, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.). L-istudenti li ma temmewx il-programm kollu tal-grad qabel is-sena akkademika 2010/11 u li jissodisfaw dan ir-regolament għandhom id-dritt li jitolbu, meta jidħol fis-seħħ dan ir-regolament, biex jiġu mogħtija l-grad ta' Bachelor in General Studies *ex gratia*, sakemm li dan il-grad ma jingħatax retroattivament, u fil-każijiet kollha mingħajr referenza għal xi qasam ta' studju fit-titolu tar-rikonoxximent."